MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 2/2013

Banif Bank (Malta) Plc.

vs

Andre Apap

It-Tribunal;

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fis-7 ta’ Jannar 2013 illi permezz tieghu l-bank attur talab minn ghand il-konvenut il-hlas ta’ elf hames mija wiehed u hamsin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1551.82) rapprezentanti debitu wara facilitajiet bankarji akkordati lill-konvenut kif imsemmi fl-istess avviz.

Dan bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz.

Ra illi fis-seduta tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-konvenut ammetta t-talbiet attrici.

Ikkunsidra

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal ghandu jilqa t-talbiet attrici in toto.

Illi b'verbal fl-atti tal-kawza wara l-ammissjoni tieghu l-konvenut jghid illi huwa 'jixtieq  illi jinghata l-fakolta li jhallas dan id-debitu bin-nifs minhabba li ghadu student u minhabba l-problemi finanzjarji tieghu'.

Illi ghalkemm it-Tribunal jifhem illi debitur jista ma jkunx f'sitwazzjoni florida, il-ligi ma taghti l-ebda jedd lit-Tribunal sabiex jakkolji talba simili u konsegwentament jordna hlas bin-nifs. Tali sitwazzjoni trid tkun konsentita minn l-attur fil-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ma huwa ser jaghmel l-ebda ordni simili, jistieden lill-kumpanija attrici sabiex tara u tiddeciedi hi jekk wara li tottjeni it-titolu ezekuttiv permezz ta' din is-sentenza, tkunx lesta tikkonsentixxi ghal tali metodu ta' hlas.

Ghaldaqstant it-Tribunal  jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur s-somma ta' elf hames mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u  tmenin centezmu (€1551.82). L-imghax mid-data ta' dan l-avviz 'l quddiem ghandu jiddekorri bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u ghandu jkun imghax semplici.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk  tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------